Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,547, 21 ta' Frar, 1986

Taqsima C

# Nru. 119

21. 2. 86

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 1985.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 4th November, 1985.

**AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att tal-1986 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Żieda ta' Taqsima XXIIIA ġdida mal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara t-Taqsima XXIII tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"TAQSIMA XXIIIA

Fuq *Video Recorders*

Liċenza għal *video recorder.*

311A. Ebda persuna ma tista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, ikollha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha xi *video recorder*, sew jekk ikollu inkorporat miegħu *camera* sew jekk le.

Dritt għal liċenza u setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.

311B. (1) Mal-ħruġ jew mat-tiġdid ta' liċenza skond l-artikolu 311A ta' dan il-Kodiċi u meta r-regolamenti ta' dan l-artikolu hekk jipprovdu, u f'dawk iż-żminijiet wara kif jista' jiġi preskritt bir-regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili għandu jitħallas mill-persuna li tapplika għal dak il-ħruġ jew tiġdid dritt kif jista' jiġi preskritt taħt dawk ir-regolamenti, u jistgħu jsiru dispożizzjonijiet differenti f'dawk ir-regolamenti dwar liċenzi differenti, skond ix-xorta, kondizzjonijiet, limitazzjoni u terminu tagħhom.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili jista' jagħmel regolamenti sabiex jitwettqu aħjar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u, b'mod partikolari —

(a) sabiex jippreskrivu l-avviż li għandu jingħata minn dawk il-persuni kif jista' jiġi msemmi fir-regolamenti dwar il-manifattura, importazzjoni, bejgħ, kiri jew disponiment ieħor ta' *video recorders*, u

(b) sabiex jipprovdu li xi waħda jew kull waħda mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti japplikaw għal kull apparat jew tagħmir li jista' jkun użat in konnessjoni ma' *video recorders*.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Abbozz jipprovdi għall-ħtieġa ta' liċenza biex persuna jkollha *video recorder*, u għal ħwejjeġ oħra ancillari għal dan.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Code of Police Laws (Amendment) Act, 1986, and shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter referred to as the "principal law". Short Title.

**2.** Immediately after Part XXIII of the principal law there shall be added the following: Addition of new Part XXIIIA to the principal law.

"PART XXIIIA

**Of Video Recorders**

Video recorder licence. 311A. No person shall, without a licence from the Police have in his possession or under his control any video recorder, whether incorporating a camera or not.

Licence fee and power to make regulations. 311B. (1) On the issue or renewal of a licence in terms of section 311A of this Code and where the regulations under this section so provide, at such times thereafter as may be prescribed by the regulations made by the Minister responsible for wireless telegraphy, there shall be paid by the person applying for such issue or renewal a fee as may be prescribed under those regulations, and different provisions may be made in those regulations in relation to different licences, according to the nature, conditions, limitation and duration thereof.

(2) Without prejudice to the provisions of subsection (1) of this section, the Minister responsible for wireless telegraphy may make regulations for the better carrying out of the provisions of this section and, in particular —

(a) for prescribing the notice which shall be given by such persons as may be designated in the regulations of the manufacture, importation, sale, hire or other disposal of video recorders, and

(b) for providing that any or all of the provisions of the regulations shall apply to any apparatus or equipment that may be used in connection with video recorders.".

## Objects and Reasons

The Bill provides for the requirement of a licence for the possession of a video recorder, and for other matters ancillary thereto.

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

**Prezz 2c — *Price 2c***